**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Dicembru, 2024**

**Rikors guramentat nru : 110 /2012 AGV**

**Fl-ismijiet :-**

**MH M**

**Vs**

**JM**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors ta' MH M fejn ippremettiet is-segwenti :-**

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena 1974, u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dok A".

Illi l-hajja konjugali tal-partijiet giet reza impossibbli minhabba sevizzi, ngurji gravi, theddid, vojolenza fizika u morali u adulterju kommessi da parti tal-intimat kontra r-rikorrenti u kif ukoll minhabba nkompatibilta' ta' karattru.

Illi minn dana z-zwieg twieldu tlett itfal kollha maggorenni.

Illi r-rikorrenti talbet lir-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tappunta medjatur mill-lista taht ir-regolamenti 4(3) tal-Avviz Legali 397/2003 sabiex l-istess medjatur jipprova jwassal il-partijiet ghal-ftehim dwar is-separazzjoni liema medjazzjoni ma sehhitx.

Illi ghalhekk il-medjatrici kellha taghlaq tali medjazzjoni u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja datat ghoxrin ta' Marzu 2012 hawn anness u mmarkat bhal Dok B.

Illi r-rikorrenti minn ftit ilu bdiet tikri post fejn tghix minhabba l-fatt illi hija ma setghetx assolutament tibqa' tghix taht l-istess saqaf mal-intimat peress illi huwa kien qed jirrendi l-hajja taghha difficli hafna izda l-intimat baqa' jghix fid-dar matrimonjali u cioe' gewwa 174, Triq il-Kbira, B'Kara.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suepost , ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat hekk kif hawn fuq premess.

2. Tawtorizza r-rikorrenti tghix separata minn mal-intimat.

3. Tapplika kontra l-intimat s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom dawk ikkontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili.

4. Tordna lill-intimat ihallas manteniment idoneju lill-rikorrenti.

5. Ixxolji il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f` zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba kontra l-intimat u b`dan illi tawtorizza lir- rikorrenti sabiex tirrisjedi fid-dar matrimonjali u cioe' fil-fond 174, Main Street, Birkirkara u b`hekk tinghata id-dritt ta' uzu u abitazzjoni *vita durante* tal-istess fond *ad eskluzjoni* tal-intimat.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenzjoni u Kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-intimat dejjem jekk dan ikun il-kaz.

7. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni ta' assi immobbli f`kaz li jirrizulta li dawn ma jistghux jigu komodament divizi.

8. Tikkundana lill-intimat jirrestitwixxi lill-rikorrenti l-propjeta' kollha taghha parafernali jew il-valur taghha.

9. Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe' A'.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentat tal-konvenut JM fejn eccepixxa s-segwenti:-**

**A. <u>Stqarrija ta l-Eccezzjonijiet</u>**

1. Illi l-eccipjenti mhux qed jopponi ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti purche' qieghed iressaq kontestwalment mal-prezenti.

2. Illi l-eccipjenti ma jopponiex ghat-tieni talba.

3. Illi l-eccipjenti jopponi ghat-tielet talba peress illi ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati mil-ligi ghall-applikazzjoni tal-provvedimenti kkomtemplati fid-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attici.

4. Illi l-eccipjenti jopponi ghar-raba' talba, stante li kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-attrici ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghandu ai termini ta Artiloku 48 u l-artikolu 51 tal-Kodici Civili.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premessi , l-eccipjenti qieghed ukoll jopponi ghar raba' talba, stante li fic-cirkostanzi tal-kaz kif se jirrizulta mill-provi waqt il-mori ta' din il-kawza m`hemmx lok li huwa jigi ordnat ihallas manteniment lill-attrici.

6. Illi l-eccipjenti qieghed jopponi ukoll ghall-hames talba tal-attrici stante li l-komunjoni tal-akkwisti, bejn il-kontendenti giet mitmuma konsenswalment permezz ta' att pubbliku datat erbgha ta' Marzu 1991 in atti Nutar Joseph Henry Schirha, b 'konsegwenza m`hemmx lok li dina l-Onorabbli Qorti xxolji l-komunjoni tal-akkwisti.

7. Illi bla pregudizzju ghall-premess f`kaz li jirrizulta li hemm beni li huma komuni bejn il-kontendenti dawn ghandhom jinqasmu bejniethom skond il-ligi kif mitlub mill-eccipjenti fir-rikonvenzjoni tieghu.

8. Illi l-eccipjenti qed jopponi li l-attrici tigi awtortizzata tghix fid-dar konjugali *ad eskluzjoni vita durante* u dan billi ma jezistu l-ebda cirkustanzi la ta' fatt u lanqas ta' dritt li jiggustfikaw l-akkoljament ta' din t-talba.

9. Illi l-eccipjenti b' referenza ghat-tmien talba, jeccepixxi li huwa m`ghandux beni parafernali tal-attrici fil-pusses tieghu.

10. Illi l-eccipjenti ma jopponiex ghad-disa' talba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.**

**Rat ir- Rikonvenzjoni tal-konvenut JM ,** fejn ippremetta s-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fit-tnejn ta' Marzu 1974 u miz-zwieg taghhom twieldu tlett itfal li illum huma ikoll maggorenni.

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irremedjabbilment u dan htija unikament u eskulssivament tal-attrici li wettqet adulterju, abbandun, theddid, sevizzi, eccessi u vjolenza fil-konfront tal-esponenti.

3. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b`din l-kawza ghall-firda personali kontra l-esponenti b`digriet moghti dina l-Onorabbli Qorti tal-ghoxrin ta' Marzu 2012 u l-esponenti qieghed ai termini tal-Artikolu 369 tal-Kodici Organizzazzjoni u Procedura Civili u ta' l-Artolu 4 (2) tal-Avviz Legali 379/2003 iressaq din ir-rikonvenzjoni.

4. Illi l-esponenti jaf bil-fatti suespost personalment.

**Ghaldaqstant** l-esponenti qieghed umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(1) Tiddikjara s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici.

(2) Tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti0bejn il-kontendenti ntemmet permezz ta' att pubbliku datat erbgha ta' Marzu 1991, in atti Nutar Joseph Scrihiha, in difett ta' dan ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

(3) Tillikwida l-assi u d-debiti li huma komuni ghall-kontendenti, taqsam dawn l-assi u debiti f` zewgt ishma u tassenja sehem lil kull wiehed u dan wara li tigi stabbilita data li fiha l-attrici rikonvenzjonatat titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghhmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, occorrendo previa l-hatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippubbliku l-att notarili opportun, jum, hin, lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att.

(4) Tiddeciedi u tiddikjara liema propjeta' hija parafernali tal-esponenti u per konsegwenza eskluza mill-komunjoni bejn il-kontendenti.

(5) Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex entro terminu qasir u perentorju tikkonsenja lill-esponenti kwalisiasi beni parafernali jew effetti personali li jinsabu fil-pussess taghha kif ukoll dawk il-beni li jigu assenjati u fin-nuqqas tikkundanna lill-istess attrici rikonvenzjonata sabiex occorrendo permezz ta' opera ta' periti nominandi.

(6) Tapplika fil-konfront tal-attrici rikonvenzjonata d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 52, 53, tal-Kodici Civili u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidrilha  xierqa u opportuni.

**Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.**

**Rat it-Twegiba mahlufa** tar-Rikorrenti Rikonvenzjonata  MHM  fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici rikonvenzjonata ma topponiex ghas-separazzjoni personali izda dana ghal ragunijet imputabbli lill-konvenut rikonvenzjonat hekk kif gia' ndikat fir-rikors mahluf promotorju mressaq minnha.

2. Illi l-attrici l-rikonvenzjonata frankament ma tistax tifhem it-tieni talba rikonvenzjonat u dana billi f' nifs wiehed qed isosti lill-komunjoni tal-akkwisti ilha li ntemmet u f`nifs iehor qed jitlob li din tigi xolta. Talba hija per konsegwenza irrita u nulla u ghandha tigi michuda minn din l-Qorti ghaliex guridikament ma jaghmelx sens.

3. Illi a rigward tat-tielet talba l-attrici rikonvenzjonata trid biss li l-beni u kull akkwist jjnqasam fi kwota ugwali bejniethom minghajr ebda kreditu dovut lill-konvenut rikonvenzjonat u fejn tissussisti l-komunjoni tal-akkwisti ssir il-likwidazzjoni u l-eventwali qasma

applikando s-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi kontra l-konvenut-rikonvenzjonat.

4. Illi a rigward tar-raba' u l-hames talba tal-konvenut-rikonvenzjonat, l-attrici tirrileva li m`hemmx xejn li hu parafernali ta' Joseph Mifsud u m`hemmx inqas jew tista' taghti lura lir-rikonvenzjonat. Inoltre m`hemmx l-ebda kreditu a favur tieghu hekk kif hu qed jallega.

5. Illi l-attrici rikonvenzjonata topponi bil-qawwa kollha ghas-sitt talba tal-konvenut-rikonvenzjonat u dana billi hekk kif hija ddikjarata fil-kawza imressqa minnha u hekk kif hija ser tipprova waqt it-trattazzjoni tal-istess kawza, huwa JM li jahti esklussivament ghal din is-separazzjoni, u per konsegwenza din l-Qorti ghandha timponi dawn is-sanzjonijiet fuqu u m`hux fuqha.

6. Salv difizi ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport Mediku ta' Mr.Charles Grixti datat 21 ta' Gunju, 2013.[1]

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku AIC Godwin Abela.[2]

---

[1] A fol. 367
[2] A fol. 1115

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. L-attrici tghid li hi u l-konvenut ilhom mizzewwgin 37 sena u fl-2010 kienet bdiet il-proceduri ta' medjazzjoni minhabba li l-konvenut ma kienx jittrattaha kif suppost u di piu' kellu diversi relazzjonijiet extra-maritali.

   Fil-fatt, kienet hadet id-decizjoni li tibda bil-proceduri ta' separazzjoni fl-2010 wara li kienet saret taf li l-konvenut kien qieghed f'relazzjoni ma' certu MF u dan wara li kemm hi u uliedhom kienu semghu konversazzjoni bejn il-konvenut u dina F u hsejjes li kienu jindikaw li kienu qed ikunu intimi. Kienu marru jikkonfrontawh fil-garaxx li kellu St.Andrews u ghalkemm din F ma kinitx hemm il-konvenut ammetta mat-tifel li kienet hemm. Kienu sabuha gewwa villa u kellhom johorguha minn hemm bil-pulizija u spiccaw il-Qorti. Izid tghid li Il MF kienet tafha ghax kienet habiba taghha u kienet tghinhom fit-*take away* li kellha mal-konvenut.

   Waqt il-medjazzjoni li sehhet fil-5 ta' Mejju, 2010, il-Qorti kienet ordnat li l-konvenut ghandu jghaddielha l-ammont ta' €465 kull gimaghtejn. F'dan il-perjodu tikkonferma li l-konvenut kien diga' beda jilmenta li kellu ugigh f'daru li kienu ser igieghluh jieqaf mix-xoghol.

F’dan iz-zmien, l-attrici tammetti li kienet iddecidiet li terga’ taghti cans li ssalva z-zwieg, izda maz-zmien tghid li dan kien kollu ghalxejn peress li l-konvenut kien baqa’ bl-istess attitudni fil-konfront taghha u saret taf ukoll li kellu relazzjoni ma’ certu TZ. Tikkonferma ukoll li din Z kienet ammettiet maghha li kienet f’relazzjoni mal-konvenut u kienu ilhom xi disa’ snin. Z kienet toqghod erba’ bibien ‘l fuq minnhom u kienet tinduna li kien hemm hafna kunfidenzi bejn il-konvenut u din Z. Fil-fatt tikkonferma li l-konvenut ghadu f’relazzjoni maghha sal-gurnata ta’ llum. Kienet anke qalet lir-ragel ta’ Z b’kollox wara li Z kienet wieghditha li kollox ser jieqaf hemm, izda ma kienx minnu.

Tinnega li hi ukoll kellha relazzjoni ma’ irgiel ohra.

Wara xi zmien li rrangaw, il-konvenut beda jinsisti li ghandha tmur torqod fil-kamra mat-tifel J u kien anke beda jheddidha u peress li ma kinitx qed thossha sigura f’darha prattikament giet imgieghla titlaq u tikri post *furnished* gewwa B’Kara. Ghal bidu tghid li kienet qed thallas €235 fix-xahar u llum dina gholliet ghal €310 u peress li ma tistax taffordja dina l-kera qed tfittex x’imkien iehor.[3]

Izzid tghid li fil-perjodu li regghu rrangaw il-konvenut kien rega’ mar jahdem u issa peress li rega’ nqala’ l-inkwiet il-konvenut qed isib l-iskuzi sabiex ma jmurx jahdem u l-intenzjoni tieghu huwa li jnaqqas il-manteniment. Fil-fatt kien ipprezenta diversi rikors sabiex jittenta jvarja d-digriet tal-Qorti izda minghajr success.

L-attrici tishaq li mhux minnu li l-konvenut ghandu problemi f’daru ghaliex ghamel hafna xoghol ta’ strapazz gewwa l-garaxx li

[3] Dok. DB 2

ghandu, kif ukoll kien bena t-tarag mit-tieni sular ghall-bejt tad-dar.

L-attrici tikkontendi li peress li llum ghandha 57 sena ser ikun difficli ghaliha sabiex issib impjieg u tinsisti li ghandha tigi mmantnuta minn zewgha. Tikkonferma ukoll li mhux qed tircievi beneficcji minghand il-Gvern.

L-attrici tkompli tispjega li l-konvenut issa hareg mix-xoghol bis-*sick leave* u peress li l-ordni tal-hlas tal-manteniment ghandha tinqata' mill-paga tieghu, jigri li effettivament l-ewwel jitnaqqsu €300 li jmorru ghand il-konvenut u mill-bilanc jittiehed il-manteniment dovut lejha, izda qed jigri li xi kultant ma jkunx hemm bizzejjed bilanc u jkollha taghmel rapporti mal-Pulizija. Hafna drabi, mbaghad il-konvenut ihallasha biss meta jitilghu l-Qorti.

Tinsisti li peress li l-konvenut qed jirrifjuta li jtiha manteniment mhux qed ikollha alternattiva ghajr li tirrappurtah mal-Pulizija.

Dwar proprjetajiet appartenenti lilhom, l-attrici tikkonferma li ghandhom id-dar matrimonjali u cioe' 174, Triq il-Kbira, B'Kara fejn kien ghadu qed ighix il-konvenut, flimkien mal-istess dar hemm ukoll tlett garaxxijiet. Ghandhom ukoll dar ohra fi triq Hal Gharghur, B'Kara fejn ghada *shell form*, bla dawl u ilma u ghalhekk ma setghetx tmur tghix hemm, apparti li l-konvenut zamm ic-cwievet ghandu.

Ghandhom ukoll villeggjatura Bahar ic-Caghaq fejn ukoll ma tistax taghmel uzu minnu peress li m'hemmx dawl u ilma, peress li l-konvenut ma kienx hallas il-kontijiet. Hu ghandhom ukoll garaxx St.Andrews.

L-attrici tinsisti li l-konvenut ghandu minn fejn ihallasha manteniment, mhux kif jallega hu, ghaliex qed jircievi paga minn fuq ix-xoghol, it-tifel jaghtih €200 sabiex ihallsu lura ta' *high up* li kien xtralu fiz-zwieg, kif ukoll €100 fix-xahar ghax-xogholijiet li kien ghamel fil-bar tal-Kazin tal-Labour ta' Santa Venera li kien ghamel xi tlett snin ilu,

Kien anke qabbad *private investigator* li wassal ghall-glied bejniethom, tant li spiccaw bi proceduri l-Qorti.

L-attrici ssostni ukoll li l-konvenut rema Gabbana tat-take-away Bahar ic-Caghaq u ilu jahdem hemmhekk ghal dawn l-ahhar tlett snin izda fil-perjodu tas-sajf biss.

Issemmi ukoll li l-konvenut kellu xi problemi ma' Tal-Ballut fejn kellu xi dejn u ma kienx hallas u spiccaw b'mandat biex jizgumbraw mid-dar. Kien ghalhekk li kienet ikkonvinciet lill-marixxalli sabiex ma jgorrux l-affarijiet sakemm titkellem mal-konvenut, li kien gieghlha tiffirma karta li ma tghix mieghu, izda tghid wara dina l-karta xorta xtraw proprjetajiet flimkien, ghexu, kielu u anke siefru flimkien.

L-attrici tikkonferma li l-konvenut kien garr xi oggetti mid-dar, bhal kamra tas-sodda ta' binhom J.

In kontro-ezami l-attrici tikkonferma li l-*loans* kien ihallashom il-konvenut ghaliex hu kien jahdem, pero' ma kinitx taf kemm kien ihallas peress li ma kienx jaghtiha soddisfazzjon minkejja li l-*loans* kienu fuq it-tnejn.

Tispjega ukoll li ghamlet zmien tahsel ghand in-nies u dan kien fiz-zmien li l-konvenut ma kienx qed ihallasha manteniment u kienet tahdem darbtejn fil-gimgha sabiex setghet thallas il-kera. Meta mbaghad beda jtiha l-manteniment kienet waqfet.

Kienet tahdem tlett sieghat kull darba u kienet tithallas €25 kull darba. Ikkonfermat ukoll li kienet tirregistra mal-ETC jew Jobsplus izda qatt ma kienu baghtu ghaliha.

Tghid li fiz-zwieg kienet tmur tghin il-gabbana li kellhom u kienet tmur tghinhom ukoll it-tifla. Il-gabbana kien bniha l-konvenut u wara l-hdax-il sena, il-MEPA kien gieghlhom inehhuha.

Tikkonferma li kienet tmur tahsel anke ghand il-habiba tat-tifla imma ma kinitx tithallas ghaliex dina kienet *hairdresser* u kienet taghmillha xagharha u l-istess kienet tmur tahsel ghand bint certu MB , habiba taghha, bla flus u dan kull gimaghatejn.

Izzid tghid in kontro-ezami li ghall-bidu li zzewwgu kien ighaddilha €165 kull hmistax u kellha tiehu hsieb kollox hi u meta l-konvenut dahal il-Freeport, kien zdiedilha l-paga. Dak iz-zmien it-tifla kienet mizzewwga u t-tifel C ma kienx joqghod id-dar.

In kontro-ezami ulterjuri l-attrici tikkonferma li minkejja li kellha licenzja tas-sewqan qatt ma saqet u ma regghetx gedditha.

Kellhom Mercedes li kienet fuq isimha u l-konvenut kien isuq vann Isuzu. Meta wasal iz-zmien sabiex jixtru karozza ghal J , kienet riedet li tinbiegh il-Mercedes, u fil-fatt sar tpartit mad-dealer ghall-valur ta’ Lm1500. Il-konvenut kien anke xtara Suzuki Swift fiz-zwieg u kien ghamilha fuq isimha, izda kienu tawha lil C  izda baqghet f’isimha sakemm giet skrappjata.

Ammettiet ukoll li kienet bieghhet id-deheb li kellha li kien jiswa cirka Lm2,000 u dan kien fiz-zmien li ma kinitx qed tircievi manteniment minghand il-konvenut u riedet thallas il-kera.

Tinnega li ghandha relazzjoni ma’ ragel iehor tul il-kawza, izda gieghli harget tiehu kafe’ jew drink ma’ xi ragel, imma qatt ma ghexet ma hadd hlief mat-tifel li jghix maghha,

2. **Il-konvenut** jispjega li meta ltaqa’ mal-attrici kellhom sittax-il sena, Kienu ddecidew li jizzewwgu wara sentejn peress li kienu mdejjqin id-dar u kellhom pjanijiet li jmorru jghixu l-Awstralja u kienu anke lestew il-hwejjeg, imma kien iddecieda li ma jitlaqx minhabba li kien sar jaf li kien hemm xi ex gharus tal-attrici jghix hemmhekk. Hekk iddecidew li jibqghu jghixu Malta.

Ghall-bidu kienu jghixu go post mikri u l-konvenut jiddikjara li kien ghamilha abbitabbli.

Jispjega li qabel ma zzewwgu kien jahdem fix-xoghol ta’ bini ma’ kuntratturi zghar, imbaghad impjiega ruhu mal-Edible Oil bhala “maintenance man.” Dwar l-attrici jishaq li kienet tahdem bhala seftura man-nies, imma ma tantx kienet iddum peress li kienet tiddejjaq jew kienet tghid li jaqbdu maghha. Kienet waqfet wara li zzewwgu u lanqas kellha hegga sabiex tahdem. Mill-paga li kien

jaqla’ kien ighaddi lill-attrici Lm6 fil-gimgha ghall-hajja u kien ifaddal dak li kien jifdal.

Kien hemm zmien fejn iddecieda li jmur jahdem il-Libya u peress li suppost kellu jdum sitt xhur, kien iddecieda li jghaddi lill-attrici s-somma li kellu mfaddal sabiex l-attrici tghaddi bihom. Izda wara xahar kien gie lura u sab li dawn il-flus, l-attrici kienet nefqithom kollha u ma riditx tghidlu fuq xiex kienet nefqithom. Sadanittant ammettiet mieghu li kienet xtrat xi dehebijiet li kienet qed thallas bin-nifs, izda kienet ukoll harget xi flus fuq xi haga ohra u ghadu sallum ma jafx fuq xhiex.

Sadanittant rega’ beda jahdem mal-Edible Oil, peress li qatt ma kien ittermina l-impjieg tieghu,

Minn hawn ighid li kien beda jitlef fiducja fl-attrici li kienet inkapaci li tamministra l-flus, izda xorta wahda kien qed ighaddilha l-flus ghall-hajja.

Wara li twieldet it-tifla D , kienu hadu post bil-kiri minghand il-Gvern f’Ta’ Paris, B’Kara minghand l-Awtorita’ tad-Djar. L-inkwiet beda minn hawn ghaliex kien gieli jkun ghaddej minn hdejn id-dar u ghalhekk kien jieqaf u ma jsibx lill-attrici hemm. Kienet tghidlu li marret s’ghand ommha, jew hutha jew s’ghand MF , il-habiba taghha. Maz-zmien beda jinduna li kienet tkun id-dar anqas u anqas. Bdiet tahseb hazin fih u anke kienet bdiet tghir u maz-zmien l-ghira zdiedet, Kienu jiggieldu ukoll ghax ma kinitx tghogbu l-kumpanija ma’ min kienet toqghod peress li uhud minnhom ma kellhomx reputazzjoni tajba.

Wara xi zmien kien telaq minn mal-Edible Oil u kien beda jahdem ghar-rasu ibajjad u jibni. Gara li iktar kellu hin ikun id-dar u iktar beda jinduna li l-attrici kienet tqatta’ hafna hin barra.

Isemmi li kellu xi suspetti li l-attrici setghet kienet f’relazzjoni ma’ certu F tat-twapet u dan wara li thajjret taghmel *fitted carpets* kif kellha l-habiba taghha MF . Kien jara li kien hemm certi kunfidenzi zejda u li x-xoghol kien idum biex jittwettaq, izda qatt ma kien rah xejn.

F’dan iz-zmien, il-konvenut jispjega li kien iddecieda li jarma Gabbana biex ibiegh ikel u xorb u dina l-gabbana kien akkwistaha b’tparit max-xoghol. Ghall-bidu kienu jarmaw is-Salina, izda s-sena ta’ wara kienu ddecidew li jarmaw Bahar ic-Caghaq, ghaliex kienu xtraw villegjatura hemmhekk. Kien insista li tinzel tghin l-attrici u kienet tinzel hafna drabi, izda dak iz-zmien kienet tqila bit-tielet wild. Ix-xoghol kien tajjeb u l-attrici kienet talbitu sabiex tibda tahdem maghhom MF u anke binha u kien jaghtihom il-paga. F’dan iz-zmien mhux dejjem kienet tinzel l-attrici u ma jafx fejn kienet tkun isostni in kontro-ezami.

Maz-zmien beda jinduna li kien qed isib il-flus nieqsin u meta tkellem mal-attrici li anke wehhlet f’ M , izda mbaghad kien sab Lm2000 mohbijin ghand l-attrici, Ma kien qal xejn u minn dakinhar kien iddecieda li jiehu hsieb il-*cash* tal-gabbana hu.

Ghall-habta tas-sena 1989/1990 ix-xoghol li kien jaghmel ta’ bini u tibjid kien beda sejjer lura u spicca li kellu jaghti flus lil Ballut Blocks fuq il-bricks u l-konkos u minghand min kien jixtri z-

zebgha, Ghalhekk gara li bdew ifittxuh bil-Qorti u l-attrici kienet tibza meta bdew gejjin il-marixalli tal-Qorti. Ghalhekk spiccaw li kellhom imorru jkellmu n-Nutar Joseph Sciriha fejn gie rrakkomandat lilhom sabiex jaghmlu s-separazzjoni tal-beni u hekk ghamlu fl-4 ta' Marzu, 1991. Dan sar sabiex l-attrici tigi protetta minn kwalsiasi dejn.

Pero' wara li sar dan il-kuntratt, kien hemm hafna glied bejniethom, tant li spicca li mar joqghod Bahar ic-Caghaq u mieghu kienet marret it-tifla. Jispjega li wara sena regghu rrangaw u mar lura d-dar.

Fl-ahhar tas-sena 1992, gara li gietu l-opportunita' li jiehu l-licenzja ta' missieru bhala haddiem tax-xatt u hadha, tant li l-paga tieghu tjiebet sew u seta' jsalda d-dejn li kellu. Kien hawn li l-attrici kienet talbitu sabiex jirrikonciljaw u accetta biex isalva lill-familja.

Peress li sa dak iz-zmien kien finanzjarjament iktar stabbli, kien iddecieda li jibda jinvesti f' proprjeta'. Ix-xiri tal-proprjeta' ghamluh f'isimhom it-tnejn u l-ftehim kien li mill-flus li kien ser jaghti lill-attrici kellha tfaddal bizzejjed sabiex thallas nofs il-pagamenti tas-self. Billi l-paga tieghu kienet tjiebet kien itiha iktar paga minn qabel u kien konvint li kellha sabiex tfaddal u anke ghall-hajja. Nel frattemp pero' dejjem hu spicca jhallas is-self.

Ikkonferma ukoll ix-xogholjiet li kien ghamel f'dawn il-proprjetajiet li kienu akkwistaw skond ma jirrizulta fl-affidavit li ghamel quddiem il-Perit Tekniku.

Sadanittant ighid li r-relazzjoni taghhom ma baqghetx tajba u dejjem jiggieldu fuq haga u fuq ohra, tant li baqghu flimkien minhabba t-tfal, izda maz-zmien kienet ghawwiethom kontrih u waslet sa anke kissret iz-zwieg tat-tifla D  minhabba tghawwir kontra zewgha.

Fl-1996 kienu xtraw il-post 174 (qabel 134) u l-garaxxijiet ta' biswitu f'Main Str, B'Kara u kien mikri lil terzi, wara li telqu l-kerrejja kien irranga l-post sabiex jaghmlu abitabbli u minhabba l-glied kien mar ighix hemmhekk u halla d-dar matrimonjali. Kien ceda u rega' accetta li jmur lura d-dar meta l-attrici kienet karbitlu sabiex ighaddi l-kera lit-tifel C,  tal-post Ta' Paris li kien ser jizzewweg u ceda.

Ighid li kien jaf li kien ser jiddispjacih meta darb'ohra ceda u marru jghixu flimkien fil-post il-gdid, ghaliex l-attrici kienet iktar ghajjura minn qabel. Peress li dan il-post kien jinstab fit-triq fejn kien trabba kien jaf hafna nies u l-attrici kienet tippretendi li ma jkellem lil hadd.

Fis-snin elfejn, il-konvenut jikkonferma li kienu xtraw izjed proprjetajiet u sadanittant, minkejja li kienu jixtru kollox f'isimhom it-tnejn, kien ihallas kull spiza u self relatat mal-istess proprjeta'.

Tul dan il-perjodu l-glied dejjem zdied, l-attrici kienet tqatta' hafna hin barra u tberbaq l-€1000 li kien itiha fix-xahar u dan meta kien ihallas kwalsiasi kontijiet li kellhom, kif ukoll is-self.

Sadanittant, l-attrici kienet bdiet tiffissa li kellu wicc haddiehor u kienet anke tmur isaqsi nies fuqu.

Il-konvenut jikkonferma li huwa kien jahdem bhala *port worker* u kien ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhax ghoxrin sena. Jikkonferma fix-xhieda tieghu tas-sena 2013 li kien ilu barra mix-xoghol ghal sentejn u nofs u dan wara li kien qed ibati minn ugigh f'daru u l-Profs.Joe Borg kien ikkonfermalu li kellu l-irkieken ta' daru mhux tajbin. Kienu avzah sabiex ma jistrappazax. Dr.Joseph Pace, it-tabib tax-xoghol kien awtorizza s-*sick leave* u kien ghadu hekk sallum.[4]

Dak iz-zmien, apparti li kien jahdem bhala *port worker*, kien qed jibni post ukoll.

Jikkonferma li jghaddi bil-flus li jitfghu shabu go kaxxa ghal min minnhom ma jkollohomx dhul u jiehdu minnha, Dawn huma flus mill-venda u r-roro.

Izid ighid li kien talab lil G C  li kien inkarigat minn xogholu sabiex jinghata *light duties*, izda kien infurmah li ma setax peress li l-licenzja tieghu kienet sabiex jaghmel xoghol kollu ta' haddiem tax-xatt u ghalhekk ix-xoghol ma setax jintghazel.

Gara ukoll li f'Lulju, 2012 kien involut f'incident mal-familja, li fuqu hemm kawza pendenti l-Qorti, fejn spicca b'retina mcarrta u kellu jissubixxi diversi interventi u jghid li minn dina l-ghajn jara biss dawl.[5]

---

[4] Doks. M1 – M4
[5] Doks. M6 – M10

In kontro-ezami l-konvenut jinsisti li hu baqa' jahdem peress li kellu l-loans x'jithallsu u kien ighaddi lill-attrici €1000 fix-xahar. Sallum jikkonferma li dawn il-loans ghadhom hemm u kien waqaf il-pagamenti tal-bank peress li ma jistax ihallas u l-istess ghandu €15, 000 dejn ma' bintu.

Jinnega li fiz-zmien l-ewwel medjazzjoni kien waqaf jahdem. Kien hemm granet meta kien ikun migugh li kien jiehu *sick leave*. Wara fil-fatt kien baqa' jipprova jmur ix-xoghol minkejja li kien jirritorna lura d-dar u kien ikun migugh.

Meta nfethet it-tieni medjazzjoni kien waqaf jahdem, imma jghid li dan kien minhabba li l-ugigh rega' tfacca.

In kontro-ezami jikkonferma li hu personalment ma kienx qed jaghmel xoghol fil-post li kellhom Bahar ic-Caghaq, izda kien qabbad il-hbieb tieghu biex jaghmlu x-xoghol li ma setax jaghmel hu.

Ighid li dawn qed ighinuh jaghmel dan ix-xoghol *gratis* u kien jinzel bil-karozza peress li kien ikun irid jifthilhom.

In subizzjoni, il-konvenut spjega li ghall-bidu taz-zwieg, kien jahdem bhala *plasterer full-time* mal-Edible Oil, imbaghad kien jaghmel xoghol *part-time* fil-bini. Bejn l-1979 meta waqaf minn mal-Edible Oil baqa' jirregistra sas-sena 1993, sakemm sab xoghol bhala *port-worker* u sadanittant kien ifittex xoghol ta' bini.

Izid ighid li issa fadallu hames xhur ohra *sick leave* mal-Port Worker Scheme u johrog bil-pensjoni. Illum ighid li akkwista permess sabiex jiggestixxi gabbana f'Bahar ic-Caghaq minn fejn

ibiegh il-luminata, snacks u anke gelati u ilu jahdem hemmhekk dawn l-ahhar sentejn. Jikkonferma li l-permess ta' dina l-gabbana tinstab f'ismu.

Jispjega ukoll li fiz-zmien li kien jirregistra kien anke jarma vann li kien juza bhala kjosk u jbiegh minn hemm. Jikkonferma ukoll li kienet tmur tghin certu Margaret Fenech u kienet gabitha l-attrici.

Jammetti ukoll li kien ghamel dejn mal-Ballut Blocks ma' xi kuntrattur ghax ma kienx ilahhaq mal-ispejjes tad-dar li kien jaghtiha. Ighid ukoll li certu dejn ghadu qed ihallsu sallum.

Jikkonferma ukoll li kienu ghamlu s-separazzjoni tal-beni fl-4 ta' Marzu, 1991. Peress li ma setax ighaddi paga lill-attrici kienet keccietu mid-dar u kien mar ighix Bahar ic-Caghaq u dan kien wara li ffirmaw is-separazzjoni tal-beni u eventwalment xtara l-fond 174, Main Str, B'Kara. Dak iz-zmien ighid li ma kellhomx proprjeta' in komun u kienu joqoghdu fil-fond Blokk C5, b'kirja minghand il-Gvern.

Fuq il-fond li xtara f'B'Kara jghid li l-attrici nsistiet sabiex tidher fuq il-kuntratt u minkejja dan ma kienet hallset xejn, Hawnhekk il-partijiet kienu rrikonciljaw u jispjega li kien qed ighaddi lill-attrici €1000 ghall-hajja u sabiex thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma,

Kienu anke xtraw zewg garaxxijiet u remissa li kien hemm mad-dar f'174, Main Street, B'Kara. Kienu anke xtraw post iehor 13, Gharghur Street, B'Kara u dehret ukoll l-attrici fuq il-kuntratt, kif ukoll xtraw garaxx, pero' l-flus dejjem harighom hu. Anzi

jikkonferma li sabiex iffinanzjaw dawn il-proprjetajiet kienu ssellfu l-flus mill-bank u l-*loan* kien waqaf li jhallsu peress li ma setax ilahhaq bil-pagamenti, filwaqt li jhallas l-interessi u ghadu jhallashom sallum.

Itenni li llum jircievi cekk tal-mard - u jtuh xi haga tal-insurance tal-mard, izda ma jircevix paga, li jircievi huwa paga li jehodha mill-insurance. Izzid ighid li s-sena l-ohra kien hareg b'telf mill-kjosk ghax hallas elfejn euros dawl tal-kjosk u l-kamra li kien hemm magenbha. Jikkonferma li kien ukoll exempt mill-Vat.

Jikkonferma li kien xtara l-kjosk ghall-valur ta' €20, 000 u kien ghad kellu d-dejn fuqu.

Jammetti li kienet tghix ohtu u zewgha ghall-perjodu fid-dar taghhom 174, Main Street, B;'Kara u dak iz-zmien kien ighix maghhom ukoll u dan minhabba li ommhom kienet kecciet lil ohtu mid-dar.

Il-konvenut jinnega li kellu relazzjoni ma' MF u li kienet habiba tal-qalb tal-attrici. Jammetti li kien maghha St.Andrews imma jinsisti li kien iltaqa' maghha kumbinazzjoni. Jinnega ukoll li kellu u li qieghed f'relazzjoni ma' T Z , imma jammetti li gieli jsaqsiha pjacir sabiex itellalu xi ikel peress li ghandha xi familjari joqoghodu Bahar ic-Caghaq. Dwar M, jikkonferma li l-attrici kienet anke marret takkuzahom mar-ragel taghha li nnega li kien minnu li hu kien qed jidhol minn bieb ta' wara ghaliex dan il-bieb kien imbarrat.

F'affidavit ulterjuri jispjega li fis-sena 2010, l-attrici kienet telqet mid-dar u hadet xi affarijiet maghha anke l-magna ta' hasil. Jispjega li telqet wara li kellhom xi jghidu peress li l-attrici kienet akkuzatu li kien qed jaghmel xi mossi jew sinjali minn fuq il-bejt lill-gara T u sa anke marret takkuzahom lir-ragel taghha, meta dan m'emminix u ghadhom flimkien sal-gurnata ta' llum. Wara ftit kienu bdew dawn il-proceduri.

Izid ighid li l-attrici kienet hadet id-dehebijiet taghhom u qaltlu li bieghhithom izda ma jafx kemm dahlet taghhom u lanqas lil min bieghithom.

Illum il-konvenut jikkonferma li hareg bil-pensjoni u billi kellu xi bolol neqsin, ma jiehux il-pensjoni bl-oghla rata u wara li jhallas il-manteniment dovut lill-attrici jibqalu €400 fix-xahar.

3. **DB** bint il-kontendenti kkonfermat li kienet selffet €15,000 xi flus lil missierha l-konvenut sabiex jevita l-habs. Dawn ma kinitx selfithomlu f'daqqa. Tghid li l-ftehim huwa li missierha ghandu jhallasha lura.

4. **Spettur Carole Fabri**, waqt li kienet stazzjonata l-Ghassa ta' B'Kara kienet irceviet telefonata minghand is-Surgent 1157 Berkley Aquilina fuq rapport li kien sar fuq glieda familjari li kien hemm gewwa Ta' Paris.

Il-glied kien inqala' peress li bin il-kontendenti kien induna li missieru kien qabbad il-*private investigator* OA peress li kien rah jiffilmja u kien hataflu l-kamera.

Kien ressqu lill-konvenut il-Qorti peress li allegatament kien mar ghall-familjari tieghu b'hadida. Waqt dan il-glied, bin il-kontendenti C, kien semma li l-vettura tieghu kienet garbet hsara u kienu baghtu ghand *surveyor*, Inoltre, l-attrici kienet qaltilhom li soffriet xi griehi u kienu bghatuha l-*polyclinic*.

Ikkonfermat ukoll li l-proceduri kienu ghadhom ghaddejjin.

Izzid tghid li anke l-attur kien ilmenta li kellu xi griehi u kienu anke baghtuh il-Polyclinic, izda rrizulta li l-griehi kienu ta' natura hafifa. Kienu fil-fatt fethu proceduri ukoll kontra l-attrici, ulied il-partijiet C u T.

5. **George Cremona**, Principal Officer fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali xehed dwar il-beneficcji socjali li rceviet l-attrici bejn Awissu, 2011 u l-31 ta' Novembru, 2012.[6] Jikkonferma li llum ma tircievi l-ebda beneficcji u dan peress li d-Dipartiment kien waqqfilha kollox peress kellha tidher quddiem Bord mediku, izda baqghet ma dehritx. Il-beneficcju kien tal-assistenza socjali.

   Ighid li ma jirrizultalux li kienu qed jitolbu *overpayment.*

6. **GC** fil-kapacita' ta' manager tal-Ufficju tal-Manager Portworkers jispjega li l-konvenut huwa mpjegat bhala port worker mat-Transport Malta fejn jahdem. Xogholu hu li jassenjalu x-xoghol tieghu.

   Jikkonferma li l-konvenut mhux qed jidhol ghax-xoghol minhabba ragunijiet ta' mard u dan ilu mit-30 ta' Lulju, 2011. Il-konvenut

[6] Dok. GC 1

jipprezenta c-certifikati mahruga mit-tabib li huwa marid. Diment li ma jarax konferma da parti tal-Professur li jista' jidhol lura ghax-xogho ma jidholx anke jekk kien talbu sabiex jidhol lura. Ic-certifikati bdew jinhargu mit-30 ta' Lulju, 2011.

Gew esebiti l-payslips tal-konvenut.[7] Sakemm idum barra minhabba l-mard jahdmu ghalih shabu ghaliex ghandhom sistema li tissejjah il-venda u r-roro u jithallas minn polza kolletiva ma' shabu l-portworkers, fejn jircievi hlas mill-Middlesea Insurance ta' €37.50 kuljum ghal 91-il gurnata. Dwar ir-roro ma setax jikkonferma kemm jaqla' peress li jvarja skond l-ammonti ta' vapuri, kif ukoll skond l-ammonti ta' tunellagg. Wara li jkun jista' jerga' jidhol lura ghax-xoghol ipogguh fuq r*oster*.

Ipprezenta l-FS3's tas-snin 2007 u 2008,[8] kif ukoll kopji ta' erba' certifikati.[9]

Fi stadju ulterjuri, xehed li l-kumitat ta' Transport Malta kien iddecieda li s-*sick leave* li jsir wara l-perjodu li l-haddiem ikollu 104 gimghat jibda jithallas bil-€37.50 less il-COLA ta' €3.90 kull gurnata li jaghmel *sick leave* barra.

Ghalhekk izid ighid li l-konvenut jircievi €37.50 kuljum, u jitnaqqsu €3.90 tal-COLA ghax dawk jehoduha qabel.

Ipprezenta ukoll il-*payslips* tal-konvenut mill-1 ta' Settembru, 2013 sal-ahhar pagament.

Dwar is-*sick leave* tal-konvenut minhabba l-problemi tieghu, jispjega li kull tant zmien jigi rivedut minn bord tat-tobba. Sallum

---

[7] A fol. A fol. 69-104
[8] Doks. MJ 1 u MJ 2
[9] Doks. MJ 3 sa MJ 6

ghad hemm it-tama li jerga' jirritorna lura x-xoghol u ghalhekk ghadu ma giex *boarded out.*

7. **Spettur Priscilla Caruana** pprezentat informazzjoni dwar rapport li sar fl-14 ta' Mejju, 2011 rigward *washing machine* li rrizultat nieqsa mill-fond 174, Triq il-Kbira, B'Kara.[10] Ir-rapport sar mill-konvenut u giet mitkellma l-attrici li kkonfermat li kienet sellfitha lill-habiba taghha.

8. **Romuald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li mir-ricerka li ghamel irrizultalu li fuq isem il-konvenut kien hemm kont wiehed savings account numru 13407462018.[11]

   Bhala kontijiet kongunti rrizultaw is-segwenti kontijiet:-

   i) Loan account numru 33412349012 illum maghluq;[12]
   ii) Loan account numru 33412349025 illum maghluq;[13]
   iii) House Loan account numru 40011341349 li ghadu attiv;[14]
   iv) House Loan account numru 40013703066 li ghadu attiv.[15]
   v) Consumer loan numru 40016304886 li ghadu attiv.[16]

9. **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-ETC Corporation ipprezenta informazzjoni dwar l-*employment history* tal-partijiet.[17]

---

[10] Dok. PC 1
[11] Dok. RA 1
[12] Dok. RA 2
[13] Dok. RA 3
[14] Dok. RA 4
[15] Dok. RA 5
[16] Dok. RA 6
[17] Doks. JS 1 u JS2

Jikkonferma li l-attrici kienet irregistrata fuq il-Part 1, imbaghad waqqfghet tirregistra minn jeddha.

Iktar tard ipprezenta ukoll l-*employment history, ir-registration history*, kif ukoll is-*submission history* tal-attrici.[18]

Spjega li peress li l-attrici kienet tirregistra fuq Part 1 u ma baqghetx tirregistra, la darba tilhaq il-pensjoni ma tistax tibqa' tirregistra fuq Part 1 imma tista' tirregistra fuq Part 3 li biha biss tista' tfittex xoghol u jkollok assistenza ta' Jobsplus ghal dan il-ghan.

10. **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet f'isem l-attrici:-

i) Current account numru 016052805001 illum maghluq;[19]
ii) Savings account numru 164275094 illum maghluq;[20]
iii) Savings account numru 016052805056 illum maghluq.[21]
iv) Fixed account numru 167177999 illum maghluq;[22]
v) Savings account numru 016052805051 illum maghluq;[23]
vi) Term deposit numru 016052805100 illum maghluq.[24]

---

[18] Doks. JS 1 – JS 3
[19] Dok. AG 1
[20] Dok. AG 2
[21] Dok. AG 3
[22] Dok. AG 4
[23] Dok. AG 5
[24] Dok. AG 6

11. **Mr. Charles Grixti,** fil-kapacita' tieghu bhala l-Perit Mediku spjega li l-konvenut kien qallu li kien ilu jbati b'daru ghal iktar minn tlettax-il sena. Jipsjega kif Dr.Joe Borg kien irrakkomanda lill-konvenut sabiex isegwi l-fizjoterapija u dan minhabba dan isahhah is-support tad-dahar biex ikun iktar jiflah ghall-istrapazz u l-istrains tal-gurnata. Jista' jintuzaw ukoll affarijiet ohra bhal *interferential u ultrasounds* li huma *forms of heat treatment* biex jallevaw daqsxejn l-ugigh.

Izid ighid ukoll li huwa importanti li apparti l-fizjoterapija, jekk il-konvenut ikompli jitbaxxa hazin jew jistreccja hazin jew igorr affarijiet zejda, il-problema ser tibqa' hemm u se tiggrava jaghmel kemm jaghmel fizjoterapija.

Wiehed irid jifhem li ghandu limitazzjonijiet u jrid isegwihom.

Ma hassx li kien hemm in-necessita' li jaghmel operazzjoni peress ma kienx hemm element newrologiku, imma anke li kieku kellu jaghmel operazzjoni kienu irid jiehu hsieb il-limitazzjoni tieghu.

Dwar il-fatt li l-konvenut kien qed itella' hajt, ighid li jista' jaghti l-kaz peress li l-ugigh huwa soggettiv u inoltre, jekk qed jibni hajt qed jippregudika l-posizzjoni tieghu, fis-sens li tant jaghmel pressjoni fuq in-nerv li jista' jaffettwa s-sahha f'saqajh jew is-sebgha l-kbir biss jew il-pala kollha u anke iktar 'l fuq mis-sieq u dan iwassal sabiex ikollu bzonn operazzjoni.

12. **GB** fil-kariga tieghu ta' rapprezentant tal-ufficcju tal-Port Workers ikkonferma li l-konvenut beda jahdem maghhom bhala *port worker* fl-1993. Ghadda l-informazzjoni rigward l-istess konvenut permezz ta' document GB 1. Ipprezenta ukoll l-ahhar payslip tal-konvenut li thallas fis-16 ta' Marzu, 2015.[25]

Jekk il-konvenut jispicca jahdem meta jkollu 62 sena hu ser ikun intitolat ghal €34, 940,60 u anke ghal €29, 117,25. Jekk jispicca sena qabel jiehu sena inqas servizz u cioe' l-ahhar somma msemmija.

13. **Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta informazzjoni dwar vetturi li hemm registrati fuq isem il-konvenut.[26]

Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar vetturi li kien hemm u ghad hemm irregistrati fuq isem l-attrici.[27]

14. **DB** bint il-partijiet tfahhar lill-attrici talli ghamlet minn kollox sabiex taghtihom trobbija tajba. Tikkonferma li kien hemm zmien meta l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix go post mikri u dan peress li l-konvenut kien qed jaghmlilha hajjitha difficli u ma setghetx tkompli tghix mieghu. Ommha saret taf ukoll li l-konvenut kien f'diversi relazzjonijiet ma' nisa ohra.

---

[25] Doks. A – Dok.K
[26] Dok. SC1
[27] Doks. SC1 – SC 2

Fil-fatt, bint il-partijiet issemmi ukoll l-incident fejn ommha kienet semghet lill-konvenut minn fuq it-telefon li kien qieghed f'relazzjoni intima ma' MF u l-incidenti li sehhew wara.

Tikkonferma ukoll il-verzjoni attrici li l-konvenut kellu u ghad ghandu relazzjoni ma' TZ . Kienet klijenta taghha peress li kienet tahdem bhala *nail technician* u tikkonferma li kienet toqghod vicin tad-dar matrimonjali.

Izzid tghid li kienet indunat li kien hemm kunfidenzi zejda bejniethom peress kemm il-darba kienet tinzel hdejn missierha li kien jiggestixxi kjosk Bahar ic-Caghaq kienet tkun hemm u kienet anzi tnizzel xi xirijiet ghall-konvenut.

Dwar il-kjosk tghid li dan kien xtrah missierha ghall-valur ta' €20,000 izda kien irregistrat fuq isimha. Pero' l-introjtu jiehdu kollu l-konvenut.

Tishaq ukoll li z-zijiet qed ighixu ukoll f'proprjeta' li ghandhom il-kontendenti B'Kara minghajr il-kunsens tal-attrici u minflok l-attrici kellha tikri post.

Tikkonferma ukoll il-verzjoni tal-attrici li l-konvenut kien recentement ghamel xoghol ta' strapazz,

In kontro-ezami tispjega illi kien hemm zmien meta ma kienitx qed titkellem ma' ommha, izda mbaghad irrangaw. Ma' missierha l-konvenut tikkonferma mhux qed tkellmu u dan minhabba l-kiri ta' garaxx li kien tah lil zewgha, li minnu issa kienet qed tissepara.

Izzid tghid saret taf li kien tah il-garaxx lil TZ u dan mhux bi kirja. Sa qabel dan kellha relazzjoni tajba ma' missierha u kien jiekol ghandha u anke kienet tinzel tghinu fil-kjosk ta' Bahar ic-Caghaq. Tikkonferma ukoll li kellhom kjosk ohra fil-passat fejn kollha kienu jmorru jghinu lill-missierhom.

15. **Spettur Nikolai Sant** pprezenta rapport li sar minn M F datat 12 ta' Frar, 2010 dwar insulti u theddid, tant li hargu xi akkuzi fil-konfront tal-attrici, it-tifel C u MDB [28]

16. **Sean Meli** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jispjega li l-konvenut ircieva fil-forma ta' beneficcji u pensjoni s-somma ta' €37, 651,34 sa mill-1 ta' Jannar, 1998.[29]

Mill-pensjoni tal-konvenut jippreciza li huwa jircievi 51.64% u l-kumplament imur ghand l-attrici skond id-digriet tal-Qorti 12 ta' Ottubru, 2017. Jircievi €203.63 fil-gimgha u ma jircevix full pension peress li m'ghandux bizzejjed bolol imhallsin,[30]

17. **JM** bin il-partijiet jikkonferma li prezentement ighix mal-attrici u wara li telqet ommu mid-dar matrimonjali kien iqassam il-granet bejniethom, izda kien hemm zmien meta missieru kien keccih mid-dar u mar ighix mal-attrici fil-post mikri.

[28] Dok.NS 1
[29] Dok. SM 1
[30] Dok. SM 2

Jishaq li missieru kien il-hin kollu jidghi, jiggieled u jghajjat mal-attrici u kien dejjem qisu l-indannat.

Issemmi l-incident fejn mar iferraq glieda bejn il-genituri tieghu peress li l-konvenut kien beda jaghti daqqa ta' ponn f'sider l-attrici.

Jikkonferma li wara li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali, il-konvenut kien ghamel zmien ighix hemmhekk u kien imbaghad irranga post Bahar ic-Caghaq u sadanittant kienet marret tghix zitu gewwa d-dar matrimonjali.

Jikkonferma li l-konvenut kien xtara l-kjosk u ghadu jahdem hemm u kellu numru tal-VAT izda ma kienx jaf ihaddem il-*cash.*

Jikkonferma r-relazzjoni tal-konvenut ma' TZ u anke li kien hemm certu M u qabduhom fil-fatt, izda ma kienx hemm.

Minkejja li missieru kien ighid li ma jistax jahdem dejjem jiftakru jaghmel xoghol manwali, inkluz it-tarag fejn qed ighix mal-attrici.

Iqis lill-konvenut mhux bhala missier, wara li fetahlu kawza fejn qed jallega li ghandu jtih flus. Kien ighinu f'kazin li kien ha l-missier.

Jikkonferma li hu jahdem *part-time* u meta l-attrici telqet mid-dar u kien ighix maghha, missieru kien ighaddilha l-flus u hu kien jirregistra.

Jinnega li l-attrici kienet tmur tahsel ghand in-nies, izda jikkonferma li l-konvenut kien iqalleb fil-hwejjeg tal-attrici meta ma kinitx tkun hemm.

Rigward il-qliegh mill-gabbana jikkonferma li l-konvenut jaqla' cirka €5000 fil-gimgha u lilu kien ihallsu €100 fil-gimgha jekk kien imur ighinu. Jikkonferma li kien ghamel sajf biss jahdem mieghu u dan kien qabel ma ggieled mieghu.

18. **Sarah Cuschieri**, in rapprezentanza tas-Sigurta' Socjali li pprezentat il-beneficcji u pensjonijiet li rceviet l-attrici sa mis-sena 2012 sal-25 ta' Settembru, 2018.[31]

Ikkonfermat li tircievi ukoll *deficiency contribution bonus* li jinghata meta persuna tkun hallset ammont ta' bolol, izda mhux sufficjenti ai fini ta' pensjoni ta' 2/3. Dan jithallas darba fis-sena u ilha tircevih mis-sena 2017 u l-ammont huwa ta' €150 fis-sena.[32]

Tircievi ukoll ghajununa tal-mard u ilha tircevih mill-20 ta' Mejju, 2017.[33] Kif ukoll jircievi ghajnuna supplimentari mit-12 ta' Lulju, 2014 sa llum. Ir-rata hija ta' €4.57 fil-gimgha u huwa *means tested.*[34]

19. **Ronald Dalli,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta pprezenta diversi rendikonti tas-self tal-partijiet.[35] Jikkonferma li fl-2002 kienet inghata *home loan* lill-partijiet biex tinxtara d-dar St.Peter's home, No. 13 Gharghur Road, B'Kara u dan id-debitu ghadu pendenti u hemm bilanc ta' €49, 270 u peress li dan is-self ma kienx qed jithallas kien hemm element ta' *compound interest*.

---

[31] Doks. SC1 – SC 5B
[32] Dok. SC 6
[33] Dok. SC 7
[34] Doks. SC 7 – SC 8a u SC 8 b.
[35] Doks. RD 1 – RD 10.

Jikkonferma ukoll li kienu nghataw tlett loans ohra fuq akkwist ta' garaxx, 14, Gharghur Rad, B'Kara kif ukoll ghall-akkwist ta' karozza.

Dwar il-home loan jikkonferma li l-pagamenti kollha saru mill-kont tal-konvenut.

Jispjega li kien jidher li kien ser ikun hemm problemi fil-pagamenti u kien kemm il-darba kkomunika mal-konvenut li kien tah istruzzjonijiet sabiex jigbed il-flus mis-*savings* u fil-fatt hekk ghamel u qata' l-loans. Imbaghad il-konvenut kien wieghdu li kien ser ihallas il-kumplament peress li kien ser jirtira u kien ser jiehu somma flus, izda dawn qatt ma waslu. Wara gie nfurmat mill-konvenut li dina s-somma kienet giet sekwestrata mill-attrici u kienet il-Qorti.

Ikompli jispjega li fi Frar, 2018 kienu hargu ittra ufficjali[i] u qed isibu diffikulta' sabiex jirtiraw il-bilanc li fadal ta' €32, 000 peress li hemm sekwestru fuq is-somma favur terzi u fil-fatt kienu pprezentaw cedola ta' depozitu.[36] Dawn ghadhom ma ngibdux.

Jikkonferma ukoll li s-somma dovuta hija dik indikata f'Dokument RD 3 u cioe' €45, 606 u dan jibqa' jizdied bir-rata ta' 8%.

Iktar tard fil-proceduri rega' xehed fejn ikkonferma li hadd mill-partjiet m'ghandu jaghti xejn lil Bank of Valletta u dan sehh wara li l-konvenut kien hallas *lump sum payment* wara li sar zbank tac-cedola li kien hemm iddepositata l-Qorti. Mill-1991 sakemm inghalqu l-kontijiet bl-imghax kienu saru pagamenti fl-ammont ta' €169, 869.37.

---

[36] Dok. RD 10

20. **CB** , in-neputi tal-attrici jghid li zijtu kienet tiffrekwenta d-dar taghhom ta' spiss u kemm hu u l-gharusa tieghu kienu ppruvaw jirrangaw lill-kontendenti, izda l-attrici kienet haditha kontrih u kienet taht l-impressjoni li l-konvenut kien wieghdu xi flus biex jaghmel hekk.

Jikkonferma li waqt li kien qed jipprova jirrikonciljahom, l-attrici, li kienet bniedma li tghir hafna ghall-konvenut, kienet ammettiet mieghu li kienet qalbitilu. L-attrici kienet dejjem iffissata li l-konvenut kellu wicc haddiehor, anke jekk semplicement kienet tarah jitkellem ma' mara. Kienet anke wasslet sabiex qaltlu li l-konvenut kien qed ihawwad m'ohtu.

Meta ammettiet mieghu li kellha wicc haddiehor kien hemm prezenti s-siehba tieghu RZ , kif ukoll ziti EA . Jispjega li kien issuggerilha li ma kienx hemm ghalfejn tehodha bil-kbira l-fatt li l-konvenut kien telaq u dan minhabba li kienet zbaljat.

Darb'ohra kienet qaltlu li kienet marret fuq *date*.

Jammetti li dejjem ra kif ighin lill-partjiiet u kien anke zamm lill-attrici u t-tifel mieghu ghal xi zmien meta telqet mid-dar u jzid ighid li qatt ma ra deni minghand il-konvenut u lanqas li naqas b'xi mod fil-konfront tal-attrici jew jaghti wicc haddiehor.

21. **JB** kien gar tal-partijiet u kienu jiffrekwentaw lil xulxin ta' spiss u anke kienu jghinu hafna lill-attrici billi jzommulha t-tfal ghax donnha dejjem kellha x'imkien fejn tmur. Kienu anke jinzlu Bahar i c-Caghaq il-kjosk li kellhom il-partijiet.

Isemmi incident fejn kien mar ghandhom u kien qed ifittex lill-konvenut u kienet harget l-attrici b'xugament biss imdawwar maghha.

Izid ighid li maz-zmien beda jisma li l-attrici kienet qed tbiddel lil zewgha u minn hawn kien iddecieda li ma riedx lil martu tghinha zzomm it-tfal izjed u minn hemm kellhom xi jghidu. Kien biss wara li l-kontendenti bdew bil-proceduri ta' separazzjoni li ddecieda li jitkellem mal-konvenut.

22. **GB** fil-kapacita' tieghu ta' amministratur tal-Port Workers Pension and Contingency Fund jispjega li skond l-Ordinanza Kap. 171 tal-Ligijiet ta' Malta meta jirtiraw ikunu eligibbli ghal Lm500 ekwivalenti ghal €1164.29 ghal kull sena servizz u ghalhekk ghall-perjodu bejn 1993 sa 2017 dawn kienu jammontaw ghal €29, 111.25. Kienet intbaghtet ittra lill-konvenut f'dan is-sens.[37]

Izid ighid li l-ligi ukoll tkopri lill-*port worker* li jircievi Lm15, 000 ghal darba wahda biss mal-irtirar.

Fil-kaz tal-konvenut jikkonferma li ghaddewlu s-somma ta' €2911.67[38], stante li s-somma ta' €32, 028.93 gew depositati fl-atti tal-mandat ta' sekwestru.[39] Ipprezenta ukoll ic-cedola ta' depozitu.[40]

Ikkonferma li llum il-konvenut irtira u m'ghadux fuq ir-registru ta' Port Workers mat-Transport Malta.

---

[37] Dok. GBA 1
[38] Dok. GBA 2
[39] Dok. GBA 3
[4040] Dok. GBA 4

23. **N B**, kien mizzewweg lil D, bint il-kontendenti u llum isseparat minnha. Ighid li meta kien hemm problemi serji bejn il-partijiet, martu ma kinitx titkellem mal-attrici peress li kienet haditha kontriha ghax kienet qed isajjar ghall-missierha l-konvenut. Kienu damu xi tmien snin, imbaghad wara li ggieldet ma' missierha kienet reggghet bdiet titkellem lill-attrici.

Jammetti li minn mindu ommha kienet regghet dahlet f'hajjithom spiccat li waslet li gelldithom ghaliex kienet igenninha sabiex johorgu u ma tantx kien jiehu gost. Kienu jmorru Ta' Fra Ben u kienu jkunu hu u martu, kif ukoll certu wiehed il-Lajf, li kien icempel lill-attrici u anke lill-martu.

Jikkonferma ukoll li martu kienet tmur tghin hafna fil-kjosk u anke l-attrici kienet tkun hemm izda kienet tkun ukoll id-dar biex tiehu hsiebha.

24. **Oliver Magro** in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanaripprezenta kopja tal-enforcement notice EC295/16.[41]

25. **Dr. Peter Muscat** ipprezenta certifikat mediku fejn ikkonferma li EA (zit il-konvenuta) tbati minn *"chronic psychiatric disorder for which she is on continuous medication to control her symptoms as her mental state is fragile."* Zid ighid li fl-opinjoni tieghu ma kinitx fi stat mentali li titla' tixhed il-Qorti.[42]

---

[41] Dok. MO 1
[42] Doks. PM a fol. 1057

26. **MF** **,** tghid li ilha taf lill-attrici ghal dawn l-ahhar 20 sena, tramite hbieb komuni. Peress li kienu joqoghdu fil-vicinanzi ta' xulxin, l-attrici kienet tmur ghandha ta' kuljum. Kienu anke johorgu mal-irgiel taghhom u ghamlu xi ghaxar snin jiffrekwentaw lil xulxin.

Tikkonferma li l-attrici kellha hbieb ohra kemm nisa kif ukoll irgiel. Ghalkemm li semmiet lil certu F tat-tapiti u li l-attrici kienet mieghu, izda dawn kienu ghajdut. Inoltre, kienet tafu hi ukoll u kien tip li jittanta n-nisa, kif tammetti li ttanta lilha, kif ukoll l-attrici kienet ammettiet li ghamel l-istess maghha.

Tispjega li kienu damu hbieb sakemm l-attrici kellha xi tghid mal-konvenut u spiccaw li tfarrak iz-zwieg. Tghid li l-attrici qatt ma kienet semmietilha li tahdem, hlief li qabel ma saru hbieb kienet ghamlet zmien tahdem izda kienet iddejjqet. Pero' tikkonferma li taf li l-attrici u anke uliedha kienu jghinu lill-konvenut fil-gabbana li kellhom.

Issemmi li peress li kienu jmorru jizfnu flimkien, kien hemm wiehed li l-attrici kienet ilha tafu minn tfulitha u kellha grazzja mieghu. Tghid li kienet prezenti meta qaltlu u ghalkemm kienet ghaddietlu n-numru tal-attrici fuq talba taghha, qatt ma kienu hargu flimkien.

Tghid li darba l-kontendenti kienu ggieldu u dan minhabba li l-konvenut kien akkuza lill-attrici li kienet serqitlu xi flus mill-gabbana u tghid li kienet hi li gieghlithom jirrangaw.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**Responsabbilita'**

Il-partijiet jaddebitaw lil xulxin il-htija tas-separazzjoni, ghall-attrici l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza fizika u morali u adulterju, filwaqt li ghall-konvenut, l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, abbandun, theddid, sevizzi, eccessi u vjolenza fil-konfront tal-esponenti.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.***"

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi-

> ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta'***

> ***che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***
>
> ***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-***

> ***xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:-

> ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***
>
> ***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod

kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, Illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Iz-zwieg tal-partijiet certament ma kienx wiehed kollu ward u zahar. Kien hemm diversi drabi fejn il-partijiet kienu telqu lil xulxin, izda mbaghad ghar-ragunijiet sabiex izommu l-familja maghquda kienu jergghu jirrikonciljaw.

Mill-bidunett il-Qorti thoss li kien hemm element ta' ghira da parti tat-tnejn li huma. Ibda biex kien hemm pjanijiet konkreti sabiex jemigraw lejn l-Awstralja, izda meta l-konvenut sar jaf li kien hemm l-ex gharus tal-attrici, iddecida li ma jmorrux izjed.

Sehh ukoll incident fejn kemm il-kontendenti, kif ukoll uliedhom tressqu l-Qorti u dan wara li saru jafu li l-konvenut kien inkariga *private investigator* sabiex isegwi lill-attrici, izda qatt ma tressqu provi ghalfejn dan kien gie nkarigat u l-konvenut lanqas ressqu bhala xhud. L-unici provi li ngabu kienu dwar l-incident li sehh, il-griehi li garbu u l-hsara fil-vettura ta' binhom C.

Tressqu provi li anke l-attrici kienet tghir ghall-konvenut, tant li tippretendi li m'ghandux jitkellem mal-girien meta kienu jghixu go triq fejn trabba u ghalhekk kienu jafuh. Kien hemm ukoll indikazzjonijiet da parti tal-attrici fuq l-infedelta' tal-konvenut, li dina l-Qorti ser tikkunsidra fil-parti tal-adulterju.

L-attrici, kif ukoll uliedha lkoll jikkonfermaw li l-konvenut kien persuna li jidghi, gellied u kien jirreagixxi qisu wiehed dannat, hekk wasal biex iddeskrivih l-izghar fost uliedhom, J .

Kemm l-attrici kif ukoll uliedha jsemmu li ommhom dejjem kienet tahseb fihom u dejjem kienet hemm ghalihom u l-missier u cioe' l-konvenut kien jittrattaha ta' skjava. Dan l-atteggjament donnu ma giex nnegat mill-konvenut meta mill-istess xhieda tieghu jirrizulta li huwa ragel tipikament fejn ma jittrattax lin-nisa ugwali. Kien jippretendi li meta jasal id-dar isib lill-martu hemmhekk u li jsib l-ikel lest. Minhabba li kien jaghtiha l-flus ghall-hajja kien jippretendi li tlestilu l-ikel biex jiehdu mieghu ghax-xoghol. Di piu' kien jilmenta jekk kienet tippreparalu l-ikel minn qabel u jkollu

jsahhnu. Addiritura darba minnhom kien anke beda jghajjat ghax wasal id-dar fis- 1am u ppretenda li tippreparalu l-ikel dak il-hin. It-tifel J spicca kellu xi jghid ma' missieru u peress li l-attrici marret tferraqhom, wasal sabiex beda jaghtiha go sidirha.

Il-konvenut jakkuza lill-attrici bhala persuna li qatt ma kellha hegga sabiex tahdem u dejjem kellu bzonn imantniha hu. Kien hemm okkazzjonijiet fejn l-attrici kienet tmur tnaddaf ghand in-nies, imbaghad waqfet u wara z-zwieg qatt ma hadmet, Il-konvenut jikkontradixxu lilu nnifsu meta jsemmi li l-attrici kienet tinzel tghinu l-gabbana izda mhux regolarment, fl-istess hin xehed li dak iz-zmien kienet qed tistenna t-tielet tarbija u kienu anke jinzlu jghinuh it-tfal kif ukoll MF u anke binha.

Problema ohra li l-konvenut isostni li kellu jiffaccja fiz-zwieg tieghu huwa l-fatt li ma kienx jafda lill-attrici biex tamministra l-flus u dan wara li kien halliha xi flus biex iservuha ghal sitt xhur, fiz-zmien fil-bidu taz-zwieg meta mar jahdem il-Libya u kienet berbqithom fi zmien xahar u ma kienx jaf sallum fejn nefqithom, hlief li kienet xtrat xi dehebijiet. L-istess kien wahhal fiha meta beda jsib il-flus neqsin meta kellhom il-gabbana u wasal sabiex sab Lm2000 mohbija ghand l-attrici.

L-attrici tammetti li kienet tixtri d-dehebijiet, li eventwalment kellha tbieghu meta l-konvenuta ma kienx qed ighaddilha l-manteniment sabiex setghet thallas il-kera.

**Adulterju**

Il-kontendenti t-tnejn jakkuzawha t-tifrik taz-zwieg minhabba adulterju kommess minnhom rispettivament.

F'diversi okkazzjonijiet dina l-Qorti stabbilit li bhala aggravju tas-separazzjoni sabiex jigi ppruvat l-adulterju jehtieg li "jigi ppruvat permezz ta' ndizji u prezunzjonijiet purche' jkunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."[43]

Fil-kawza **Josephine Edwards vs Avukat Dr.Joseph a. Xuereb noe**. Il-Qorti qalet illi "***Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza "de visu," jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvincement tal-fatt."***

L-attrici ssemmi zewg relazzjonijiet, wahda li l-konvenut kien qieghed f'relazzjoni extra-martitali ma' MF . Bhala prova l-attrici taghmel referenza ghal telefonata li kellha mal-konvenut u peress li nesa jaqta' semmghethom ikunu intimi.

MF u anke l-konvenut jinnegaw li kien hemm relazzjoni bejniethom, izda jirrizulta li kien hemm incident li gie kkonfermat kemm mill-attrici, fejn il-verzjoni taghha giet ikkorroborata minn uliedha. Meta l-konvenut u bintha nizlu l-garaxx St.Andrews fejn hasbu li kien qieghed, F ma kinitx hemm izda kienu sabuha fil-vicinanzi u marret issib kenn gewwa villa, sakemm harget minn hemm bl-assistenza tal-Pulizija.

[43] Rita Schembri vs Dot. Albert Grech et.noe.

Il-konvenut jinnega li kien qieghed il-garaxx ma' F, izda li kien iltaqa' maghha b'kumbinazzjoni, Jirrizulta li kien ammetta dan ma' ibnu C. Minkejja li l-konvenut isemmi li ghalkemm l-attrici kienet marret tghid lir-ragel ta' F, huwa m'emminix u fil-fatt ghadhom flimkien sallum. Haga tal-iskantament, il-konvenut ma ressqux biex jixhed.

Sadanittant, ulied il-partijiet jikkonfermaw li kien hemm adulterju kommess da parti tal-konvenut ma' MF

F kienet habiba intima tal-attrici ghal zmien twil, kienet tghinha bit-tfal u kienu johorgu flimkien bhala koppji, kienet ukoll sabitilha impjieg maghhom fil-gabbana, sakemm f'hin u f'waqtu ma baqghux hbieb izjed u F tattribwixxi dan ghal fatt li l-attrici kellha xi tghid bi kbir mal-konvenut.

Saret referenza ukoll ghal TZ li kienet gara tal-partijiet u li llum il-konvenut kien qieghed f'relazzjoni mal-konvenut. L-attrici ssostni li Z, kienet ammettiet li kienu ilhom f'relazzjoni ghal xi disa' snin. Il-konvenut ghal darb'ohra jinnega li kellu relazzjoni mal-istess Z u li ghadha mar-ragel, li ukoll ma kienx anqas emmen lill-attrici meta marret timmalafah u takkuzah li kien qieghed f'relazzjoni ma' martu.

L-attrici ma ressqitx lil Z, sabiex tixhed u lanqas lil zewgha u altru mill-konferma da parti tal-attrici u uliedha li kien hemm u ghad hemm relazzjoni bejniethom ma hemmx provi ohra.

Sabiex jigi ppruvat l-adulterju jehtieg li jkun hemm indizji u prezunzjonjiet gravi, u fl-assjem tal-provi jirrizulta li l-adulterju gie kommess da parti tal-konvenut ma' MF , u dan hu iktar konvincenti tenut kont tal-fatt li dina tal-ahhar kellha l-faham miblul peress li marret issib kenn ghand nies li lanqas hi ma kienet taf sabiex tipprova tistahba mill-attrici u uliedha sabiex tahbi l-verita' li kien hemm adulterju kommess.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan l-insenjament tal-Qrati taghna, jirrizulta li l-konvenut kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba sevizzi, eccessi, theddid u anke minhabba adulterju.

Dwar l-attrici r-referenza li kien hemm li qieghdha f'relazzjoni ma' certu F, mhuwiex daqshekk kredibbli, primarjament minhabba li l-provi kollha li tressqu huma kollha bbazati fuq "hearsay evidence" u l-uniku xhud li azzardat titkellem hija MF , li semmiet li dan F kien it-tip li jittanta n-nisa u kienet tkellmet mal-attrici li kkonfermat l-istess verzjoni li gieli ttantaha, pero' kkonfermat li ma kien hemm xejn bejniethom.

In-neputi tal-istess attrici donnu qieghed fuq il-parti tal-konvenut u ghalkemm isemmi li l-attrici ammettiet mieghu li kienet infidilha lejn il-konvenut izda ma kienx kapaci li jipproduci xi haga konkreta f'dan is-sens.

Ukoll JB , gar tal-partijiet jipprova jixhed dawl ikrah fuq l-attrici, pero' ukoll issemmi biss l-ghajdut li sema' fuq l-attrici li ma jirrapprezentaw xejn hlief "hearsay evidence."

Dawn il-provi huma fjakki ghal kollox u l-Qorti tirrileva li l-adulterju allegatament kommess da parti tal-attrici ma giex ippruvat.

**Manteniment**

In determinazzjoni tal-manteniment, dina l-Qorti dejjem ghandha tgharbel dak li huma l-mezzi tal-persuna minghand min qed jintalab il-manteniment, kif ukoll il-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob il-manteniment.

L-attrici jirrizulta ma tahdimx u illum ghandha 68 sena. Il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex ighaddilha s-somma ta' €200 kull gimaghatejn u dan kien ghall-habta tas-sena 2014.

Il-konvenut da parti tieghu qed jopponi li jghaddi dawn il-flus lill-attrici u dan minhabba li hemm tibdil fic-cirkostanzi. Kellu hafna problemi peress li kellu d-dejn mal-Ballut Blocks, illum m'ghadux jahdem u huwa pensjonant, liema pensjoni li jircievi ghandu jghaddi €400 minnhom lill-attrici u jghix bil-bilanc ta' cirka €400 ukoll u dan, jilmenta mhux sufficjenti biex ighaddi. Ghandu jigi rilevat pero' li l-pensjoni li jircievi l-konvenut mhix wahda *full* u dan minhabba li ma kienx hallas l-bolla kollha dovuta.

Huwa minnu li l-konvenut kien qed jiffaccja diversi problemi finanzjarji u dan anke wasal sabiex issellef flus minghand bintu fis-somma ta' €15, 000 sabiex ihallas manteniment lil martu.

Hemm certu nuqqasijiet kommessi mill-attrici, in kwantu mhix intitolata ghall-pensjoni kollha, peress li m'ghadhiex intitolata ghall-benefjiccji socjali kollha. Dan gara peress li l-attrici ma kinitx

attendiet ghall-bord mediku li giet msejjha mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u dan wassal sabiex tilfet il-beneficcji socjali li kienet intitolata ghalihom.

Il-konvenut ukoll isemmi li m'hemmx xejn x'jiggustifika l-hlas ta' manteniment ghall-attrici u dan meta kienet ghadha kapaci tmur tahdem, izda ghazlet li ma tahdimx u di piu' kienet negligenti u non-kuranti anki fl-otteniment tal-beneficcji socjali li kienu disponsibbli ghaliha.

Madanakollu, recentement jidher li kien hemm xi zviluppi in kwantu Sarah Cuschieri in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonfermat li l-attrici qed tircievi xi beneficcji u pensjonijiet u dan sakemm xehdet u cioe' sal-25 ta' Settembru, 2018.[44] Jirrizulta li l-attrici tircievi ukoll *deficiency contribution bonus* li jinghata meta persuna tkun hallset ammont ta' bolol, izda mhux sufficjenti ai fini ta' pensjoni ta' 2/3. Dan jithallas darba fis-sena u ilha tircevih mis-sena 2017 u l-ammont huwa ta' €150 fis-sena.[45]

Tircievi ukoll ghajununa tal-mard u ilha tircevih mill-20 ta' Mejju, 2017.[46] Kif ukoll tircievi ghajnuna supplimentari mit-12 ta' Lulju, 2014 sa llum. Ir-rata hija ta' €4.57 fil-gimgha u huwa *means tested.*[47]

---

[44] Doks. SC1 – SC 5B
[45] Dok. SC 6
[46] Dok. SC 7
[47] Doks. SC 7 – SC 8a u SC 8 b.

Ghalhekk certament kien hemm nuqqasjiet tal-attrici, izda dan ma jnaqqas xejn mill-obbligu ta' manteniment. Ta' 68 sena ser ikun difficli mmens sabiex l-attrici timpjega ruhha, Hu x'inhu l-introjtu, l-attrici ghandha tircievi manteniment minhghand il-konvenut. Il-Qorti tqis ukoll pero' li l-konvenut m'ghandux ibati n-nuqqasijiet tal-attrici u lanqas m'ghandu jigi ppremjat billi jitnehhilu l-obbligu tal-hlas ta' manteniment.

Ghalhekk, *considerando* dan kollu, il-Qorti tiddikjara li l-manteniment ghall-attrici ghandu jkun fl-ammont ta' €300 fix-xahar li ghandhom jitnaqqsu mill-pensjoni tal-konvenut u b'dan ghandu jigi nfurmat id-Direttur tal-Pensjonijiet.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Sal-4 ta' Marzzu, 1991, il-partijiet kienu joperaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, sakemm il-konvenut kellu dejn mal-Ballut Blocks u dahluh il-Qorti fejn ippruvaw jenfurzaw il-mandati ta' sekwestri fuqhom, tant li sabiex jissalvagwardjaw il-posizzjoni taghhom iddecidew li jaghmlu kuntratt tas-separazzjoni tal-beni li sar fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha, precisament fl-4 ta' Marzu, 1991.

Ciononstante, il-partijiet, anke wara s-separazzjoni tal-beni baqghu jixtru l-proprjetatjiet flimkien u jirrizulta li dan mhuwiex ikkontestat, fejn effettivament permezz ta' nota konguntiva, il-partijiet qablu li s-segwenti immobbli li jipposjedu f'ishma ndaqs bejniethom huma s-segwenti:-

i) Il-fond urban numru 174, Triq il-Kbira, B'Kara (€210,000)
ii) Il-garaxx bin-numru 176, Triq il-Kbira, B'Kara (€30,000)
iii) Il-garaxx bin-numru 172, Triq il-Kbira, B'Kara (€35,000)
iv) Ir-remissa bin-numru 168, Triq il-Kbira, B'Kara (€50,000)
v) Il-fond "St.Peter House, " numru 13, Gharghur Road, B'Kara flimkien mal-garaxx imniffed mieghu (€480,000)
vi) Il-garaxx bla numru fi Triq Wied Mejxu, St.Andrews limiti tas-Swieqi (€100,000).

Jirrizulta mis-sottomissjonijiet tal-partijiet li hemm qbil kif ghandhom jigu assenjati l-istess fuq imsemmija proprjeta' mmobbli:-

**Sehem l-attrici**

Il-Qorti tirrileva li prezentement l-attrici ilha tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' binha u ghalhekk huwa gust li hija tigi assenjata l-istess dar, flimkien maz-zewg garaxxijiet li huma adjacenti u cioe' l-garaxxijiet li jgibu n-numru 176 u 172 fi Triq il-Kbira, B'Kara, kif ukoll ir-remissa li tinstab fl-istess triq u cioe' 168, Triq il-Kbira, B'Kara.

**Sehem il-Konvenut**

Ir-rimanenti proprjetajiet u cioe' Il-fond, St.Peters House, flimkien mal-garaxx ilkoll fi Triq Gharghur, kif ukoll l-garaxx ta' Swieqi ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

Ma' dan ghandu jizdied ukoll il-fond li jinstab Bahar ic-Caghaq, anke jekk dan ma giex valutat mill-Perit Tekniku Abela.

**Benefikati**

Il-konvenut qed jippretendi li jigi rizarcit ghall-benefikati li wettaq fid-diversi proprjetajiet, anke dawk li xtraw wara s-separazzjoni tal-beni. Naturalment, il-konvenut qed jitlob li jigi rizarcit in-nofs tal-valur tal-benefikati.

Il-konvenut elenka d-diversi benefikati li ghamel skond il-perizja li saret u anke skond kif emendati wara d-debita eskussjoni tal-istess Perit u jinsisti li l-attrici mhix qed tikkontestahom. Dawn huwa s-segwenti:-

i) Fond bl-indirizz 174, Triq il-Kbira, B'Kara - €26,370
ii) Garaxx bl-indirizz 176, Triq il-Kbira, B'Kara - €3,050
iii) Garaxx bl-indirizz 172, Triq il-Kbira, B'Kara - €2,300
iv) Remissa bl-indirizz 168, Triq il-Kbira, B'Kara - €2,050
v) 13, St.Peter's House, Gharghur Road, B'Kara - €9,650
vi) Garaxx fi Triq Wied Mejxu, St.Andrews Swieqi - €13,976.24.

Dan iwassal ghall-total ta' €57, 396.24.

**Kontijiet Bankarji u Djun**

Illi kif ben tajjeb irrileva l-konvenut jirrizulta li l-partijiet kellhom relazzjoni bankarja mal-HSBC Bank Malta plc kif ukoll mal-Bank of Valletta plc.

a) Jirrizulta ukoll li l-kontijiet bankarji li nfethu mal-HSBC Bank Malta plc. kollha nfethu wara t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ai fini tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhix ser tehodhom in konsiderazzjoni izjed.

b) Is-savings account (Acc. No. 13407462018) mal-Bank of Valletta plc. ghandu jigi assenjat lill-konvenut, stante li jikkontjeni fih flejjes parafernali ghalih u m'hemmx kontestazzjoni fuqu.

c) Jirrizulta ukoll li l-konvenut anke wara li gie ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, kif ukoll anke fil-mori tal-proceduri baqa' jhallas il-loans fuq id-diversi proprjetajiet. L-attrici tikkonferma dan u tishaq li ma kellhiex ghazla peress li l-konvenut kien il-persuna li kien jahdem u jaqla' l-flus.

Ronald Dalli in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc ikkonferma ukoll li mis-sena 1991 u cioe' s-sena li fiha ntemmet il-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenut kien hallas €169, 869 fuq loan partikolari.[48]

L-istess Dalli kkonferma li l-konvenut kien hallas il-Consumer Loan relatat max-xiri ta' vettura kif ukoll il-*home loans* uzati ghax-xiri u l-finitura tal-immobbli.[49]

---

[48] Dok. DR 1
[49] Dok.s RD 6 – RD 8

Mizjuda ma' dawn l-istess Dalli kkonferma li s-segwenti loans thallsu mill-konvenut ukoll:-

i) Acc. No 33412349012
ii) Acc No. 33412349025
iii) Acc No. 40011341349
iv) Acc No. 40013703066
v) Acc No. 40013703066
vi) Acc No. 40016304886[50]

Il-konvenut qed jippretendi ukoll li jinghata rifuzjoni ta' nofs dawn id-djun li hallas wara li giet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti.

**Assenjazzjoni**

Tenut kont tal-fatt, li primarjament il-konvenut qed jinzamm responsabbli ghas-separazzjoni minhabba li kommetta sevizzi, eccessi, theddid u adulterju fil-konfront tal-attrici u tenut kont ukoll tal-fatt li fil-qsim tal-proprjetajiet immobiljari jirrizulta li hemm diskrepanza kbira stante li l-attrici tkun sejra tiehu proprjeta' li tiswa €325, 000, filwaqt li l-konvenut ikun ser jiehu proprjeta' li tiswa €580, 000, oltre l-fond ta' Bahar Ic-Caghaq.

Ghaldaqstant, din id-diskrepanza hija oltre minn sufficjenti sabiex l-konvenut jigi saldat kemm ghall-benefikati, kif ukoll ghal-loans li hallas kif spjegat iktar 'l fuq.

**Vetturi**

[50] Doks. RA 2 – RA7

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-attrici qatt ma saqet u lanqas ma kellha vetturi rregistrati fuq isimha.

Mir-rendikont moghti minn Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta jirrizulta li f'isem il-konvenut kien hemm zewg vetturi rregistrati fuq ismu u cioe' Mazda 626, Morris Marina, Toyota Corolla u l-Isuzu TFS gew akkwistati wara c-cessjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ma jinkwadrawx fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rigward il-vetturi rimanenti jirrizulta li hemm Landrover li ilha maqbuda mill-Pulizija u vettura tal-ghamel Ford li l-konvenut m'ghandux gharfien taghha.

**<u>Deheb</u>**

Huwa minnu kif jikkontendi l-konvenut li l-attrici kienet bieghet id-deheb li kellha u dan kif anke gie ammess minnha li kienet bieghhet dan id-deheb ghall-valur ta' Lm2000 u cioe' €4658.74.

Il-konvenut qed jippretendi li ghandu jinghata rifuzjoni ta' nofs il-valur tal-deheb li bieghhet l-attrici, minkejja li ppreciza li dan ma kienx il-valur realistiku tad-deheb li kien jiswa ferm iktar minn hekk.

Li nesa jfakkar il-konvenut, ghax hekk forsi kien jaqbillu, huwa li l-attrici kellha tbiegh id-deheb ghaliex ma kienx qed ighaddilha l-manteniment u ma kellhiex minn fejn tghaddi. Ma jistax jibqa' jippretendi dan il-konvenut li ghandu dritt ghal kollox iktar u iktar meta hu totalment ghandu l-htija ta' dina s-separazzjoni.

**Port Workers' Pensions and Contingency Fund**

Mill-provi jirrizulta li permezz ta' Cedola bin-numru 102/2017, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta iddepozitat taht l-awtorita' tal-Qorti u a favur il-konvenut is-somma ta' €32,028.93, somma li kien intitolat ghaliha minhabba li kien haddiem tax-xatt u rtira mix-xoghol bl-eta'.

Ix-xoghol ta' *port worker* tal-konvenut beda fiz-zmien wara li kienet intemmet il-komunjoni tal-akkwisti u dan peress skond kif xehed GB   in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, il-konvenut kien beda jahdem ix-xatt fl-1 ta' Dicembru, 1993 u baqa' jahdem hemm sakemm irtira fid-19 ta' Lulju, 2017.

Il-konvenut jargumenta li effettivament dina s-somma li giet iddepositata l-Qorti, somma li kien intitolat ghaliha minhabba l-irtirar, l-attrici mhix intitolata ghall-sehemha. Anzi l-konvenut qed jippretendi li l-attrici ghandha tirrifondi nofs tali ammont u dan minhabba li fil-mori tal-proceduri tali depozitu gie zbankat mill-Bank of Valletta plc. sabiex jigi saldat fejn kien hemm gravanti fuq l-immobbli komuni tal-partijiet.

Ghal darb'ohra dina l-Qorti terga' tichad il-pretensjoni tal-konvenut, in kwantu huwa responsabbli tal-htija tas-separazzjoni u di piu' huwa addebitat bl-iktar tort gravi u cioe' l-adulterju!

**Sanzjonijiet**

In kwantu diga' gie rrilevat li kien hemm adulterju kommess da parti tal-konvenut, ghandhom *ipso facto* japplikaw is-sanzjonijiet fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kodici Civili.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-konjugi M u dan ghar-ragunijiet ta' htija mputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, theddid u anke adulterju.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mal-konvenut.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonjijiet kkontemplati fil-ligi fosthom dawk ikkontemplati fl-Artikolu 48 et.seq. tal-Kodici Civili.

4. Tilqa' r-raba' talba b'dan pero' li l-manteniment qed jitnaqqas ghall-ammont ta' €300 kif fuq gie deciz fl-intestatura "Manteniment.,"

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tinnomina lin-Nutar Ian Spiteri ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv, u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-kontumacja tal-konvenut jekk ikun il-kaz.

7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' A.

**Kontro-Talba**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba u tiddikjara u tawtorizza s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenzjonant.

2. Tilqa' t-tieni kontro-talba u tikkonferma li l-komunjoni tal-akkwisti ntemmet in forza tal-att pubbliku datat erbgha ta' Marzu, 1991 in atti tan-Nutar Joseph Sciriha.

3. Tilqa' t-tielet kontro-talba u tilliwkida l-assi u d-debiti tal-komunjoni tal-akkwisti kif gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' kontro-talba, stante li dan kollu gie deciz fl-intestatura tal-"Komunjoni tal-Akkwisti" iktar 'l fuq.

5. Tichad il-hames kontro-talba stante li din ma tirrizultax.

6. Tichad is-sitt kontro-talba fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonata stante li mhix hatja ta' dina s-separazzjoni.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz il-kontro-talba, ghandhom inkunu a karigu esklussiv tal-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**

[i] Dok. RD 9